*Biex ingħidu hekk, il-kittieba Maltin tal-lum, ħdejn l-oħrajn ta' qabilhom, qegħdin f'pożizzjoni privileġġjata. Fl-imgħoddi l-kittieba Maltin kienu nies imxegħlin fil-kitba u medhijin f'ħaj-ja kwieta u bla twegħir. Minn nies bħal dawn ma setgħetx toħroġ ħlief letteratura paċifika u għaxxiega. Il-kittieba l-ġodda ġarrbu l-eqqel ħerba u ħruxija, raw il-mewt ma' wiċċhom, batew u għexu f'għawġ tal-biża'; il-kitba tagħhom hi l-mera taż-żminijiet koroh li għaddew minnhom u tolqot lill-qarrej bil-ħeġġa ħarkiena u l-qawwa sħiħa tagħhom.*

*Jalla din ix-xejra ġdida toħloq letteratura li tirrifletti l-ħajja glorjuża li għaddejna minnha u tfakkar il-ġieħ li kisbet Malta bil-ħila ta' wliedha.*

---

## TLIET ARLOĠĠI

*Ta'* MARY MEYLAK

Jiena għandi tliet arloġġi,
Ma nagħtihom ħabel qatt,
Kollha jaħdmu, m'humiex rari
Għax minn dawn għandu kulħadd.

Arloġġ qalbi jerda' 'l demmi,
Daqs li kieku kien xiropp,
Halli mbagħ'd jiflaħ iħabbat
U jimmarka 'l min inħobb.

Għandi wkoll arloġġ itektek,
Ġewwa moħħi, sew fuq nagħsi,
Jikkontrolla ħsebijieti
Illi jhewdnu ġewwa rasi.

Għandi wkoll arloġġ ta' l-id,
Bħall-arloġġ li għandu r-re,
Fil-polz qiegħed, jimmarkali
Għandix deni nkella le.

Kollha jtektku, kollha jħabbtu,
Sejrin dejjem lejl u nhar,
Jiegħfu xħin ma jkollix bżonnhom,
Meta mmut jien: Dak in-nhar!



# L-Izbalji kbar ta' Napuljun

*Ta'* P. PAWL TABONE, O.F.M.

MЕТА Napuljun daħal għall-ewwel darba fit-treġija tar-Repubblika Franċiża, Franza kienet tinsab f'taħbila u taħwida li l-kapaċità u l-ħżunija ta' Napuljun biss kienu donnhom sejrin joħorġuha minnha. Erbgħin elf knisja kienu magħluqin u mitluqa; erbat elef kunvent imġarrfin u misruqa; sebgħin elf qassis maqtulin jew imxerrda; sebgħa u tletin elf soru u tlieta u għoxrin elf patri mixħutin fix-xtajtiet ta' Franza qalb ir-ragħwa tħammar bid-dmija u qalb ir-rimi ta' ħwejjeġ għeżież imħarbtin u mkissrin mir-Rivoluzzjoni. U minflok il-knejjes u l-qima fil-beraħ lil Alla, kienu twaqqfu postijiet u festi li, minħabba x-xalar u l-libertajiet bla ebda qies u mistħija li kienu jsiru fihom, qanqlu u għaddbu l-biċċa l-kbira tal-poplu.

Napuljun, biex iberred l-erwieħ imgħaddba u jiġbidhom fejn kien irid hu, fetaħ mill-ġdid il-knejjes, ħalla 'l-insara jqimu 'l Alla fil-beraħ, u mill-ġid kollu misruq lill-Knisja, raġa' ta lura, għall-inqas, mill-erbgħa waħda. Wara ftit għamel *konkordat* mal-Papa li bih ġieb tabilħaqq il-paċi u l-kwiet bejn ir-Reliġjon u l-Istat ta' Franza.

Il-Papa Piju VII, li kien qiegħed iħares lejn Napuljun b'għajnejn safjin u bla ebda ħiel ta' tqarriq u ħżunija, feraħ mhux ftit għax deherlu li dak il-bniedem kbir u waħdani kien qiegħed isalva s-soċjetà u l-Knisja ġewwa Franza u fl-Italja. Għalhekk, Piju VII fetaħ idejh tal-ħniena u ta' l-imħabba ma' Napuljun u mlieh b'għotjiet u privileġġi mill-akbar. Saħansitra l-Kardinal Fesh, iz-ziju ta' Napuljun, kien ikkuntenta li jmur hu, minflok il-Papa, ġewwa Pariġi biex jikkonsagra lil Napuljun Imperatur, avolja kien sejjer ibati ma' tul il-vjaġġ u avolja kien imhedded mill-Qorti ta' Vjenna. basta jikkuntenta lil dak li kien nissel il-paċi reliġjuża fi Franza u, li issa, beda jridha ta' Karlumanju ieħor.

Iżda ma għaddewx xhur twal li l-feddej ta' Franza ma bediex juri snienu; kien ġiebha fejn ried hu; min jista' għalih issa? Darba waħda Napuljun, ħażin, mar jistenna lill-Papa f'Fontainebleau fejn kien mar għall-kaċċa, stiednu jirkeb fil-karrozza tiegħu, qiegħdu fix-xellug u ħadu miegħu l-Kastell. Nhar il-konsa-